31999R0872

L 110/4 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 28.4.1999

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 872/1999

tas-27 ta' April 1999

li jissupplementa l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" pprovdut bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-ismijiet ta' oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-ismijiet ta' l-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1068/97 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

(1) Billi, skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, ir-Renju Unit bagħat lill-Kumissjoni applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem bħala isem ta' l-oriġini;

(2) Billi, skond l-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament, instab illi l-applikazzjoni tilħaq il-ħtiġiet kollha stabbiliti fih u b'mod partikolari li kien fiha t-tagħrif kollu meħtieġ skond l-Artikolu 4 tiegħu;

(3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skond l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-isem fl-Anness I ma' hawn wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej [3];

(4) Billi, rigward id-demarkazzjoni ta' żona ġeografika pprovduta fl-Artikolu 4(2)(ċ) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, l-Istat Membru ddikjara illi d-demarkazzjoni ta' l-erja fl-ispeċifikazzjonijiet trid tikkorrespondi eżattament ma' dik indikata fil-mappa ġeografika mogħtija; billi, filwaqt illi d-demarkazzjoni tat-toroq hija korretta, hemm il-ħtieġa illi tiġi miżjuda l-kontea ta' Somerset sabiex id-demarkazzjoni taqbel eżatt mal-mappa ġeografika; billi hemm il-ħtieġa illi dan it-tagħrif ikun speċifikat b'mod xieraq u għar-raġuni taċ-ċarezza; billi hija inkluża fil-punti prinċipali ta' l-ispeċifikazzjonijiet;

(5) Billi l-isem għandu għalhekk jiddaħħal fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" u minn issa 'l quddiem ikun protett fil-Komunità kollha bħala isem ta' l-oriġini protett;

(6) Billi l-Anness ma' dan ir-Regolament jissupplimenta l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 378/1999 [5],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-isem fl-Anness I ma' hawn huwa miżjud fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 u mdaħħal bħala indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) fir-"Registru ta' l-ismijiet ta' l-oriġini protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" pprovdut bl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

Il-punti prinċipali ta' l-ispeċifikazzjonijiet huma ddikjarati fl-Anness II. Dan it-tagħrif jieħu l-post ta' dak ippubblikat fil-paġna 31 tas-serje C 265 tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej tat-22 ta' Awissu 1998.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

[1] ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1.
[2] ĠU L 156, tat-13.6.1997, p. 10.
[3] ĠU Ċ 265, tat-22.8.1998, p. 31.
[4] ĠU L 327, tat-18.12.1996, p. 11.
[5] ĠU L 46, tal-20.2.1999, p. 13.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' April 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

IL-PRODOTTI ELENKATI FL-ANNESS II MAT-TRATTAT TAL-KE, MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM

L-Iġbna

IR-RENJU UNIT

Ġobon Exmoor Blue (IĠP)

L-ANNESS II

Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-ismijiet ta' l-oriġini

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2081/92

APPLIKAZZJONI GĦAR-REĠISTRAZZJONI: Artikolu 5

DPO ( ) IĠP (X)

In-numru tal-fajl nazzjonali: 03013

1. **Id-Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:** Ir-Renju Unit
   Isem: Il-Ministeru ta' l-Agrikoltura, is-Sajd u u l-Ikel
   Tel.: (44 171) 270 88 65
   Fax: (44 171) 270 80 71
2. **Il-grupp applikanti:**
   (a) Isem: Il-Ġobon Exmoor Blue
   (b) Indirizz: Willett Farm,
   Lydeard St Lawrence, Taunton, Somerset, TA4 3QB
   (ċ) Il-Kompożizzjoni: il-produttur/proċessur: 1 Oħrajn: 1
3. **Tip tal-prodott:** Ġobon: Klassi 1.3
4. **L-ispeċifikazzjoni:**
   (sommarju tal-ħtiġiet skond l-Artikolu 4(2))

4.1. *L-Isem:* Ġobon Exmoor Blue

4.2. *Id-Deskrizzjoni:* Ġobon artab bil-vini blu mhux xkumat b'kontenut medju ta' xaħam ta' 34 %. Ikkaratterizzat b'kulur isfar ħafna u b'konsistenza tal-butir. Magħmul minn ħalib tal-baqar ta' Jersey mhux ippasturizzat.

4.3. *Iż-żona Ġeografika:* Dik il-parti tal-kontej ta' Devon u Somerset minn Barnstaple matul il-kosta sal-belt ta' Watchet, matul il-linja tal-ferrovija ta' l-istim minn Watchet sakemm tinqasam mit-triq B 3227, it-triq B 3227 lejn il-Punent sakemm taqsam it-triq A 361, it-triq A 361 lejn il-Punent għal ġo Barnstaple.

4.4. *Il-Prova ta' l-Oriġini:* Il-ġobon ġie prodott bl-użu ta' metodi tradizzjonali bl-idejn fir-razzett ta' l-applikant sa mis-sena 1986. Mill-1990, ġie wżat ħalib tal-baqar tar-razza Jersey biss sabiex jinħadem dan il-ġobon artab distintiv.

4.5. *Il-Metodu tal-Produzzjoni:* Il-Ħalib jiġi msaħħan sa 70 °F u jiġi miżjud l-istarter. Il-Ħalib jiġi mbagħad imsaħħan minn 85 sa 90 °F u din it-temperatura tinżamm għal minn tlieta sa ħames sigħat. F'dan il-perjodu taż-żmien jiġi miżjud it-tames mill-ħaxix u l-Penicillium roqueforti. Il-baqta titħalla toqgħod qabel ma tinqata' u tiġi ttrasferita b'passaturi ta' l-idejn għal forom b'żewġ partijiet u titħalla toqtor. Wara kemm sitt sigħat u kemm 18-il siegħa il-forom jiġu maqluba. Erba' u għoxrin siegħa wara l-ġobniet jitqiegħdu fis-salmura għal bejn wieħed u ieħor sitt sigħat u mħollija joqtru għal 36 siegħa oħra, fejn matul dan iż-żmien jinqalbu għal darbtejn. Wara li jittaqqbu ż-żewġ naħat bl-idejn, il-ġobniet jiġu ttrasferiti f'kamra fejn jimmaturaw u jiġu mbexxa fuq iż-żewġ naħat bil-Penicillium candidum. L-Exmoor Jersey Blue jitħalla jimmatura għal minn tlieta sa sitt ġimgħat u jiġi maqlub ġurnata iva u oħra le.

4.6. *Ir-Rabta:* Il-klima umda u sħuna u l-ħamrija tal-wiċċ miksuba mill-ġebla ta' taħtha tar-ramel kemm qadima u kemm ġdida jingħaqdu ma' staġun twil ta' mergħa sabiex jagħtu ħaxix tal-mergħa kotran u frisk, li jipproduċi ħalib b'togħma sinjura.

4.7. *L-Istruttura ta' l-Ispezzjoni:*
   Isem: L-Assoċjazzjoni tal-Produtturi tal-Ġobon Speċjalizzat
   Indirizz: Kaxxa Postali 256A, Thames Ditton, Surrey, KT7 0HR

4.8. *It-Tikkettjar:* IĠP

4.9. *Il-Ħtiġiet tal-leġislazzjoni nazzjonali:* —